MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 1421/2010

**HSBC Bank Malta plc.**
**C-3177**

**Vs**

**Clayton Falzon**
**I.D.20884(M)**

**It-Tribunal**,

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talbet lil dan it-Tribunal jiddikjara lill-konvenut Clayton Falzon (*I.D.:20884(M)*) debitur tal-Bank attur fl-ammont ta' Euro tlett elef erba' mija u ghaxra Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€3,410.58), rapprezentanti l-ammont dovut in konnessjoni ma' "***Flexicredit Loan Account***." L-ammont huwa dovut u l-konvenut ghandu ihallas ukoll l-imghax bit-8% mill-31 ta' Dicembru, 2009 u l-ispejjez ta' l-

ittra bonarja datat 3 ta' Settembru, 2008 u l-ittra ufficjali (*Art.166A*) datat 8 ta' Jannar, 2010 u l-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ghalhekk, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas dan l-ammont.

Bl-ispejjez u l-imghax.

Ra r-risposta tal-konvenut li kkonferma li hu debitur tal-Bank attur fl-ammont indikat dak ta' tlett elef erba' mija u ghaxar Ewro u tmienja u hamsin Ewro centezmu (€3,410.58).
Il-konvenut kellu incident fuq il-post tax-xoghol u spicca rikoverat l-Isptar *Mater Dei* fejn kien operat f'daru.

Il-konvenut spicca bla xoghol u ma kienx f'posizzjoni li jhallas fil-hin.

Illum il-konvenut hallas il-Bank attrici.

Ra l-atti u d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi l-konvenut ammetta li kien debitur tas-socjeta' attrici, tant li fil-mori tal-kawza hallas is-sorte.

F'dan il-kuntest, is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni stante li l-konvenut kien hallas l-ammont ta' tlett elef u hames mitt Ewro (€3,500) u dan l-ammont gie appropjat kontra l-imghax akkumulat u *per konsegwenza* l-ammont gie ridott ghal tlett mija tlieta u sittin Ewro u sebgha u hamsin Ewro centezmu (€363.57), bl-imghaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Novembru, 2010.

Ghalhekk, jirrizulta li ghad hemm pendenti pretensjonijiet kemm fuq is-sorte, kif ukoll fuq l-imghaxijiet u l-ispejjez.

Is-socjeta' attrici qiedgha titlob li l-imghaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Novembru, 2010. In kwantu jirrigwarda l-ispejjez, aparti l-ispejjez ta' l-atti, s-socjeta' attrici qiedgha ukoll

titlob l-ispejjez ta' l-ittra bonarja datat 3 ta' Settembru, 2008 u l-ittra ufficjali (*Art.166A*) datat 8 ta' Jannar, 2010 u l-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal tilqa' t-talbiet attrici, fis-sens li tikkonferma li l-konvenut ghandu jhallas l-ammont ta' tlett mija tlieta u sittin Ewro u sebgha u hamsin Ewro centezmu (€363.57), bl-imghaxijiet ulterjuri mill-4 ta' Novembru, 2010, kif ukoll tikkonferma li ghandu jhallas l-ispejjez kollha tal-kaz, inkluz dawk ta' l-ittra bonarja datat 3 ta' Settembru, 2008 u l-ittra ufficjali (*Art.166A*) datat 8 ta' Jannar, 2010 u l-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------